

MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0124/06

skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Jules Maaten, Marios Matsakis, Jorgo Chatzimarkakis, Viktória Mohácsi, Karin Riis-Jørgensen, Georgs Andrejevs, Graham Watson, Holger Krahmer u Marco Cappato f' isem il-Grupp ALDE lill-Kummissjoni

Suġġett: Id-Drittijiet tal-pazjenti fl-Unjoni Ewropea

L-esklużjoni tas-servizzi tas-saħħa mill-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva dwar is-servizzi u d-deċiżjonijiet riċenti tal-QEĠ dwar aċċess għal trattament mediku barra mill-pajjiż jirrikjedu deċiżjonijiet urġenti. Hemm bżonn ta' approċċ aktar wiesa' u enfasi akbar fuq id-drittijiet tal-pazjent u kif jiġu implimentati b'mod uniformi fl-UE kollha mingħajr ma jagħmlu differenza kwistjonijiet bħas-sjeda ta' faċilitajiet mediċi, skemi nazzjonali ta' sigurtà soċjali, organizzazzjoni u mmaniġġjar ta' sistemi nazzjonali tas-saħħa, jew jekk trattament mediku huwiex pprovdut fil-pajjiż tal-pazjent jew fi stat membru ieħor. Id-dritt fundamentali għal aċċess għas-servizzi tas-saħħa għal minoranzi etniċi (pereżempju l-popolazzjoni Roma), refluġjati, migranti u persuna bla dar hija applikazzjoni oħra li għandha bżonn ħafna kunsiderazzjoni. Fi ħdan l-Unjoni Ewropea, numru dejjem jikber ta' pazjenti qed jeżerċitaw għażliet dwar fejn u kif jirċievu t-trattament. Hemm ukoll suq emerġenti ta' turiżmu għas-saħħa. Madankollu, mhemmx garanziji dwar il-kwalità u s-sikurezza ta' dan it-tip ta' servizzi tas-saħħa u ma teżisti ebda sistema ta' verifika u responsabilità medika komuni. Barra minn dan, m'hemmx dimensjoni transkonfinali tad-dritt tal-pazjenti għal talbiet ta' kumpens, obbligu tal-kura u t-twaqqif u l-implimentazzjoni ta' etiki u prinċipji professjonali. Ftit hemm informazzjoni lill-pazjenti meta jiġu biex jagħmlu l-għażliet, u m'hemmx approċċ standard Ewropew għall-kwistjoni tad-drittijiet tal-pazjenti.

Bħala r-rappreżentanti eletti demokratikament taċ-ċittadini, il-Parlament Ewropew qed ipoġġi l-mistoqsijiet li ġejjin lill-Kummissjoni Ewropea:

1. Il-Kummissjoni Ewropea hija konxja dwar leġiżlazzjoni nazzjonali dwar id-drittijiet tal-pazjenti u dwar il-mod li bih jistgħu jiġu eżerċitati dawn id-drittijiet stabbiliti fi stat membru ieħor, inkluż id-dritt ta' ilment u kumpens transkonfinali?
2. Il-Kummissjoni Ewropea għandha intenzjoni li tiddistingwi u tindirizza d-dritt għas-saħħa, id-dritt li tkun pazjent u d-drittijiet bħala pazjent jew konsumatur ta' servizzi tas-saħħa?
3. Il-Kummissjoni qegħda tirrikonoxxi li d-deċiżjonijiet riċenti tal-QEĠ dwar ir-rimbors ta' infiq fuq kura tas-saħħa f'pajjiżi oħra jirfdu l-libertajiet fundamentali tas-suq waħdieni?
4. Il-Kummissjoni qegħda tqis l-effetti tal-globalizzazzjoni u tal-flussi ta' informazzjoni, u għandha intenzjoni li tidentifika sħubijiet biex tagħmel dan ċar u jiftiehem għall-pazjenti?
5. Il-Kummissjoni qegħda tirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġi stabbilit pakkett uniformi (Karta) ta' drittijiet essenzjali tal-pazjenti fl-Unjoni Ewropea, u li telabora l-qafas u l-mekkaniżmi bħala mod ta' kif jiġi żgurat li dawn id-drittijiet jiġu osservati u eżerċitati fil-prattika?
6. Il-Kummissjoni qegħda tqis il-Konvenzjonijiet tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar kwistjonijiet tad-drittijiet tal-pazjenti?

Imressqa: 24.10.2006

Mibgħuta: 26.10.2006

Skadenza: 02.11.2006